MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 2222/1995/1

**Giovanna Antida sive Edith mart Joseph Mallia**

**vs**

**Deborah mart Martin Buttigieg u Roberta mart Faical Oudi, ahwa Pace, ulied il-mejjet Carmelo;**

**Sylvana u Victoria ahwa Pace ulied il-mejjet Joseph Pace; u Doris Pace bhala legittima rapprezentanti tal-minuri Nicollette Pace, ukoll bint il-mejjet Joseph Pace, u oht Sylvana u Victoria imsemmija; u**

**l-Avukat Edwina Chetcuti u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante b'digriet tat-22 ta' Jannar 1997 gew mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-**

**interessi ta' l-assenti Gemma mart William McCorgray; Mary Yvonne mart Frank Sutton u Mary Carmela mart Hugh Brooks li jinsabu msiefrin minn dawn il-Gzejjer**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Giovanna Antida sive Edith mart Joseph Mallia li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Fit-13 ta' Marzu 1992 miet Emanuel Pace, missier l-attrici;

Fl-ahhar hames snin ta' hajtu l-attrici rrendiet servizzi u servigi lill-imsemmi Emanuel Pace konsistenti f'tisjir, tindif, qadi u prestazzjonijiet ohra relattivi ma' l-istess;

Il-konvenuti fil-kwoti rispettivi taghhom huma l-eredi tal-mejjet Emanuel Pace, uhud minnhom direttament u ohrajn bhala l-aventi kawza;

Ghalhekk il-konvenuti fil-kwoti rispettivi taghhom huma obbligati li jhallsu lill-attrici dik is-somma li trid tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti hlas ta' kumpens lilha dovut ghas-servizzi u servigi minnha rezi lill-imsemmi Emanuel Pace kif fuq inghad;

Kontestwalment mal-prezenti qieghed jigi prezentat rikors ai termini ta’ l-artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress li hemm pendenti kawza quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili – Citazzjoni numru 1345/95 GV fl-ismijiet inversi appuntata ghall-31 ta’ Jannar 1996 fid-9.30a.m. quddiem l-Onorevoli Imhallef Dr. Geoffrey Valenzia, biex dik il-kawza flimkien ma din odjerna jinstemghu flimkien quddiem l-istess Qorti stante l-konnessjoni tas-suggett u/jew id-decizjoni ta’ wahda tista’ tolqot id-decizjoni ta’ l-ohra, f’liema kawza hemm ukoll esibiti d-dokumenti kollha relattivi.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-attrici hija ntitolata ghall-kumpens rapprezentanti hlas ta’ servigi u assistenza rezi lill-mejjet Emanuel Pace;

2. Tillikwida l-ammont ta’ kumpens dovut lill-attrici ghas-servigi u assistenza fuq imsemmija okkorendo b’opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gew mahtura l-Avukat Edwina Chetcuti u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante bhala Kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Gemma McCorgray, Mary Yvonne Sutton u Mary Carmela Brooks.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-fuq imsemmija Kuraturi li in forza taghha gie eccepit illi:

Huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li iressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Deborah Buttigieg li in forza taghha gie eccepit illi:

1. Lid-defunt Emanuel Pace, l-attrici irrendiet servigi konsistenti biss fit-tisjir ta’ ikel provdut mill-istess Emanuel Pace. Ghalhekk jekk hija intitolata ghal kumpens, dan ghandu jkun limitat biss ghal dan is-servizz.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Lulju 1997 fejn il-Qorti diversament presjeduta ordnat li din il-kawza tinstema’ flimkien ma’ kawza ohra pendenti bejn l-istess partijiet. Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Jannar 1998 li permezz tieghu gie mahtur Dr. Victor Borg Grech biex jirrelata dwar il-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru 2008 fejn, peress illi kien baqa’ ma thallasx id-dritt tal-perit legali ghal zmien twil wara l-prezentata tar-rapport il-kawza giet kancellata.

Rat li fuq talba tal-attrici l-kawza regghet giet imqeghda fuq il-lista wara li kien sar ftehim dwar il-hlas tad-dritt tal-perit.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Victor Borg Grech finalment konfermat bil-gurament minni fit-23 ta' Ottubru 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob kumpens ghal servigi minnha rezi lil missierha matul l-ahhar snin ta' hajtu. Diversi mill-konvenuti ghazlu li ma jwiegbux ghall-kawza filwaqt li l-kuraturi wiegbu li ma kienux edotti mill-fatti. L-unika konvenuta li wiegbet ghall-kawza kienet Deborah Buttigieg li sostniet li kull ma kienet taghmel l-attrici kien li ssajjar ghal missierha ikel mixtri minnu stess.

Il-Qorti tibda biex tiskarta l-materja ta' preskrizzjoni kif imqajjma mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Issa, kif huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, ghalkemm l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titqajjem f'kull stadju tal-proceduri gudizzjarji, jibqa' dejjem il-htiega li tigi mqajjma permezz ta' nota formali debitament notifikata lill-kontroparti. Ma tistax titqajjem f'nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawzi The Cargo Handling Co. Ltd vs Abela Ltd (7 ta' Lulju 2003), Grech vs Grech (4 ta' Ottubru 2002) u Scerri vs Borg (20 ta' Ottubru 2003). Fid-dawl ta' dan l-insenjament il-Qorti m'hijiex qeghda tqis is-sottomissjoni dwar preskrizzjoni ulterjorment.

Jirrizulta mill-provi prodotti kif tajjeb evalwati mill-perit legali u kif miflija wkoll minn din il-Qorti, illi t-talba attrici ghall-kumpens hija gustifikata. L-attrici kienet l-unika wahda mill-ulied bniet tad-defunt li baqghet tghix f'Malta. Ghalkemm l-attrici nnifisha ma tatx wisq dettalji dwar is-servigi li kienet tippresta lil missierha, binha xehed dettaljatament dwar dan. Ghalkemm jirrizulta wkoll li Gemma McCorgray kienet ukoll tiehu hsieb missierha meta tkun Malta, ma giex negat lanqas li l-bicca l-kbira taz-zmien kienet l-attrici li tiehu hsieb missierha.

Il-perit legali ezamina wkoll l-allegazzjoni li l-attrici kienet qed tigi kompensata bil-hlas ta' Lm20 minn kull pensjoni li jircievi missierha. Il-perit legali jiskarta din l-allegazzjoni ghaliex ma gietx pruvata li sehhet ghajr ghal okkazjoni wahda. Kemm l-attrici kif ukoll zewgha jichdu li kienu jigu b'xi mod kompensati.

Konsegwentement il-perit legali jillikwida tal-kumpens fl-ammont ta' €3000. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ammont huwa baxx wisq u l-Qorti tqis li jkun aktar gust li tinghata somma ta' €5000. Din is-somma tekwivali ghal elf ewro ghal kull sena fl-ahhar hames snin, bejn wiehed u iehor €20 fil-gimgha ghall-ikel kuljum, tindif tad-dar, hasil ta' hwejjeg, qadi ghall-gbir ta' medicinali u qadi iehor.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-kuraturi, tilqa' l-ewwel talba tal-attrici kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' €5000; tilqa' t-tielet talba u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' €5000.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------